Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 15**

**15 TA' FRAR 2016 FI-4PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI SINDKU |
| MARY ANNE ABLE | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Il- Vici Sindku qal it-talba peress li s-Sindku kien informa li se jkun ftit tard minhabba impenjii tax-xoghol mportanti li ma kellux kontroll fuqhom.**

**I ZVILLUP F' WIED GHOMOR**

Mill-Kunsillier M. Fava

Il-Kunsillier M. Fava nforma li skond l-ahhar informazzjoni li ghandu l-MEPA ghad trid tghaddi *screening* ta' dan il-progett u l-applikant ghad irrid jaghmel applikazzjoni formali. Huwa qal li f'dan il-kaz, jippreferi jistenna li jinghata l-*screening* mill-MEPA qabel jikkometti ruhu. Huwa nforma li huwa favur li ma jkunx hemm iktar zvillup fil-wied bhal mar sar fi snin 90 u 2000, meta Triq Josef Kalleya qatt ma kienet fil-local plan u din idahlet.

Il-Kunsillier qal ukoll li ma jaqbilx mal-proposta li l-Gvern ghandu jixtri dan ir-razzett hu u jsir spazju miftuh ghall-pubbliku ghax is-sid qatt mhu se jbiegh la darba l-BMO esiztenti hija bil-permessi kollha mehtiega u skond il-ligi.

Rigward il-proposta li saret li l-Gvern ghandu jghaddi din l-art lura lir-residenti fil-forma ta' spazju miftuh, huwa ssostna li dan ma jregix peress li sar hekk biss fejn kien hemm lokalitajiet li tul is-snin dejjem gew mghobbija bi progetti ndustrijali.

Ghalhekk huwa kkonkluda li jippreferi jiehu pozzizjoni la darba jkun maghruf ezattament x' se jsir u la darba l-applikant jdahhal l-applikazzjoni ufficjali ghax dan hemm process shih fejn il-Kunsill jista' jkun il-main objector ghal dan l-izvillup.

Mill-Kunsillier T. Valentino

Il-Kunsillier infurmat li f'zewg okkazjonijiet kien hemm cahda li jsir zvillup f' da nil-wied minhabba li din hija zona ODZ u li huwa parti minn wied. Hija ssostniet li dan il-Kunsill ghandu jirrikomanda lill-Gvern biex il-bini ezistenti jinxtara minnu sabiex il-Gvern jkompli jhares u jibza ghaz-zoni ODZ kif ukoll jipprotegi li dan il-wied biex kemm jista jkun jibqa' fi stat naturali tieghu. Hija sahqet li din il-lokalita' ghandha bzonn kbir ta' iktar spazji miftuha.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

Il-Kunsillier informa li huwa jiftakar li din iz-zona kelha diversi partijiet ta' spazji miftuha pero' matul is-snin, din kollha inbniet b'mod legali u bil-permessi kollha mehtiega. Huwa qal li diment li dan l-izvillup huwa legali, is-sidien ghandhom dritt li jwaqqghu u jibnu basta fuq l-istess *foot-print*. Huwa nforma li x-xewqa tieghu, hi li da nil-bini jerga' jigi fi stat li kien fih fi zmien is-sittinijiet. Il-Kunsillier informa li dna il-progett ghadu fi stat preliminarju u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu zmien bizzejjed sabiex iressaq l-ogezzjonijiet tieghu u jipprotesta.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**I ZVILLUP F' WIED GHOMOR – ikomplu**

Is- Sindku kien prezenti ghal din il-laqgha. Il-hin kien l-4.30pm.

Mill-Kunsillier M. Abela

Il-Kunsillier informant li l-qies ta' dan il-bini huwa ta' 4000 metru kwadru li l-maggornaza huma maghmula minn spazji miftuha u l-bini ma jaqbizx aktar minn 1500 metru kwadru u l-lokazzjoni tieghu qieghda ezatt fil-benniena tal-wied. Hija nfurmat li ma taqbilx ma' dan l-izvillup minhabba li jekk dan kemm-il darba jigi approvat, it-traffiku f' diz-zona se jkompli jizdied b' mod sostanzjali kif ukoll se jkompli jinqered dan il-wied minahhab xoxghlijiet ta' infrasstruta u konnekjtar ta' Sistema ta' drenagg.

Mill-Kunsillier M. Miceli

Il-Kunsillier informa li ghalkemm dan il-porgett ghadu fi stat premilanarju, il-Kunsilli ma jistaxc jaccetta bieni iehor fil-wied. Huwa nforma li din iz-zona hija l-unika zona miftuha f' din il-lokalita' u dan ghandu jibqa' dejjem kif inhu. Huwa ssugerixxa li din iz-zona gahndha terga' tigi fl-istat kif kienet qabel ma nbena kollox.

Mill-Kunsillier A. Curmi

Il-Kunsillier informa li huwa jiftakar sew fejn fil-passat kienu saru xi applikazzjonijiet sabiex din l-istess zona tigi mibdula f' diskoteka miftuha u ovjament din l-applikazjoni ma kinitx gietx milqugha. Huwa ssostna li din iz-zona ghandha tkun parti minn zona ta' rikreazzjoni u ghalhekk il-wied ghandu jinzamm fi stat naturali tieghu sabiex jitgawda minn kullhadd.

Mill-Kunsillier P. Fenech

Il-Kunsillier sostna li ahna bhala Kunsill, ghandna nkunu pro-attivi qabel ma jkun tard wisq u ghalhekk ghandna naghmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet kkoncernati bhal MEPA sabiex dan l-izvilup ma jsehhx qabel jkun tard wisq.

Huwa nforma li fil-passat, dan ir-razzett kien jzomm il-baqar u kien mghammar sew. Huwa qal li skond informazzjoni li ghandu parti mill-bini eziztenti hija llegali. Hu nforma wkoll li dan il-progett kien ga nstema darb ohra pero' ir-residenti tal-madwar kienu pprotestaw u l-applikazzjoni kienet giet irrifjutata minnhabba problema tal-ikkonektjar tas-sistema tad-drenagg.

Ghaldasqtant, huwa ta; l-opinjoni li din iz-zona ghandha tithalla bhala spazju miftuh ghar-rikreazzjoni sabiex inharsu u nipprotegu lil dan il-wied.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**III APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS**

L-Accountant tal-Kunsill kien prezenti ghal din il-laqgha. Il-hin kien 5.45pm.

L-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv spjegaw fid-dettal kull dhul u infieq li huma mnizzli f'dan ir-rapport fejn l-accountant ukoll provda informazzjoni relatati ma' *break-down* ta' l-ispejjez ta' l-operat tal-Kunsill.

Ir-rapport jindika car li l-Kunsill qed juri bilanc negattiv ta' 6.7% u dan ma jinkludix it-10% li suppost il-Kunsill ihalli kreditu fil-kontijiet tieghu.Dan l-izbilanc, huwa marbut max-xoghlijiet ta' kisi bit-tarmak ta' Triq il-Marbat. Hawnhekk is-Sindku rrimarka li hu qed ihares lejn dan l-izbilanc bhala positive defecit u dan minhabba li Triq il-Marbat qabel ma sar ix-xoghol fuqha kienet fi stat tal-biki u ma jixirqilix li tkun meqjusa bhala l-access tas-Swieqi. Minhabba din is-sitwazzjoni s-Segretarju Ezekuttiv sahaq biex ghas-sena 2016, ma jsirx infieq ghajr dak marbut b'kuntratti.

Is- Sindku rega' nforma li fadalu jaghmel l-ahhar tentattiv sabiex jitnaqqas l-kont dovut lill-Perit Camillieri ghal pjanti li huwa kien mistoqsi jaghmel ghal Triq il-Keffa.

Wara diskuzzjoni, gie deciz b'mod unanimu li dan ir-rapport finanzjajru ghas-sena 2015, jigi approvat. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillieri M. Abela u P. Fenech issekondaw.

Din il-laqgha spiccat fis-6.45pm u sar aggornamet
ghal Hamis 3 ta' Marzu 2016 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

## I ZVILLUP F' WIED GHOMOR – ikomplu

Mill-Vici Sindku

Il-Vici Sindku fakkar li dawn l-ahhar snin il-Kunsill kien kontra kull zvillup zejjed fil-lokalita (li hija f'zona taz-zvillup). B'hekk il-Kunsill huwa automatikament kontra kull zvillup zejjed fil-widien, li huma ODZ. Din kienet ukoll ir-risposta li ta lill Times of Malta. U ssostna li l-Kunsill ghandu jzomm din il-posizzjoni u jaghmila cara illi ha jkun qieghed issegwi l-process tal-Mepa. Ladarba ikun hemm applikazzjoni, il-Kunsill ghandu jigbor l-informazzjoni u l-pjanti kollha halli b'hekk jinforma l-ghaqdiet tal-lokall u r-residenti. B'hekk il-Kunsill ikun jista johrog b'pozzizjoni aktar specifika u li tinkludi l-*feedback* tal-ghaqdiet u residenti. B'hekk il-Kunsill ikun qieghed jagixxi b'mod trasparaneti u skond il-ligi.

Fuq il-punt legali, il-Kunsill irid jikkonsidera illi r-razzett qieghed fuq art privata u li l-bini prezenti jidher li ghandu permess ufficjali. B'hekk, anki jekk kull kunsillier, inkluz hu, jixtieq li l-art tinghata lura lil poplu, il-Kunsill irid jirrispetta l-ligi u juza l-processi ufficjali u neccessarji.

## II RAPPORT MIS-SINDKU

Is- Sindku ilu ghal zmien li xtaq jiddiskuti dwar dan il-progett u x'jista jsir minnu. Fil-fatt kemm-il darba xtaq jaghmel kunatti mas-sidien sabiex jara dawn x' ghandhom f'mohhom.

Fl-opinjoni tieghu hu, dejjem kellu li idealmanet minflokk esitenti issir dar ghall-anzjani. Pero issa hu qed jara li l-Kunsillieri ma jixtiequx l-ebda zvillup anzi xi Kunsillieri qablu li anke jitwaqqa l-bini esiztenti biex minflokk jsir spazju miftuh. Hu jaqbel ukoll ma' li din il-binja titwaqqa' u minflokk jsir spazju miftuh ghall-beneficcju tar-residenti tal-lokalita',

Il-Kunsillieri A. Chetcuti u M. Fava talbu sabiex jigu skuzati. Il-hin kien 5.40pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**